# Giuseppe Calì

## u l-Kwadru tan-Nawfraġju ta' San Pawl fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa

kitba ta' Jimmy Muscat

L-artist Malti Giuseppe Calì ħallielna ħames kwadri kbar u sbieħ fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa fejn insibu t-titular li jirrappreżenta Il-Vitorja, Sant Elena, San Gejtanu, il-Madonna tar-Rużarju u n-Nawfraġju ta' San Pawl.

Il-Knisja Parrokkjali kienet għadha kemm tlestiet, għalkemm bla kampnari, u Calì ntefa' b'ruħu u b'ġismu fuq dan ix-xogħol, tant li matul l-1898 kien lesta erba' kwadri, u ieħor fis-sena ta' wara fl-1899. Naturalment, insibu li t-titular huwa l-ikbar wieħed u fih 6.5 metri għoli u 2.5 metri wisa', warajh hemm dawk tal-Madonna tar-Rużarju u ta' San Pawl li huma daqs xulxin b'5.5 metri għoli u 2.5 metri wisa', u l-aħħar tnejn ta' San Gejtanu u Sant Elena li fihom 3.3 metri għoli u 1.75 metri wisa'.



Hawnhekk aħna se nagħtu ħarsa lejn kwadru wieħed biss minn dawn il-ħamsa u se nirriflettu ftit fuq dak li jirrappreżenta n-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Dan il-kwadru jinsab fil-kappellun fuq in-naħa tal-lemin meta wieħed iħares lejn l-artal maġġur u nistgħu ngħidu wkoll li hu popolarment meqjus bħala l-aqwa wieħed li għamel Calì f'din il-knisja tal-Mellieħa. Insibu wkoll li dan il-kwadru ta' San Pawl kien tħallas minn ċertu Raffaele Psaila.

Meta wieħed iħares lejn dan il-kwadru, mill-ewwel tolqtu l-figura imponenti u qawwija ta' San Pawl, li timla terz l-ispazju tal-kwadru kollu. Bla dubju hija figura li tiddomina x-xena li fiha l-ingredjenti kollha li jiddeskrivu nawfraġju, xena maħduma bil-għaqal li pittur bħal Calì kien jaf joħloq. Hawnhekk Pawlu jissimbolizza l-qawwa u s-saħħa tal-Appostlu tal-Ġnus, li bl-eżempju mimli fidi tiegħu kien għadu kemm wassal dawk in-nies kollha qawwijin u sħaħ fuq l-art Maltija. Ir-raġġ dawl nieżel għal fuqu minn wara s-sħab iswed tal-maltempata jitfgħu kważi f'silwett li jkompli jagħnih bħala l-eroj ta' dik ix-xena. Il-ktieb f'idu x-xellugija u dak is-saba' merfugħ lejn is-smewwiet ikomplu jsaħħu l-karattru sħiħ ta' Pawlu li, minkejja kollox, baqa' jsaħħaħhom u jippridkalhom fuq Alla li kien ħelishom minn għarqa bħal dik.

Pawlu jidher li għadu kemm farfar il-lifgħa fin-nar. Il-lifgħa hija s-simbolu tat-tentazzjoni u l-ħażen u nistgħu kważi narawha u nqisuha bħala l-ewwel attakk dirett lejn it-tnissil tal-fidi ta' Kristu f'Malta. Donnu l-ħażen ma ħamilx li Pawlu, wara li ħeles mill-għarqa, kellu jsalva biex ikun jista' jwassal it-tagħlim u l-konverżjoni lill-Maltin. Min-naħa l-oħra, imbagħad, wara li ma ġralu xejn, joħroġ iktar ċar il-messaġġ li bil-fidi, bit-taħbit u bil-għajnuna ta' Alla, kull ħażen jista' jintrebaħ.

Il-ħuġġieġa wenniesa, li bis-sħana qawwija tagħha serviet biex dawk l-imsejkna jtaffu ftit minn dak it-tixrib u dik il-kesħa, issa saret ukoll il-mezz li bih jinħaraq u jinqered il-ħażen. Hawnhekk Calì jiġbed l-attenzjoni ta' min iħares lejn dan il-kwadru u minn fuq il-figura ta' San Pawl l-għajnejn jinżlu awtomatikament għal fuq dak in-nar, lest biex jibla' dik il-lifgħa. Nar li tkebbes mill-Maltin sforz l-imħabba tagħhom lejn il-proxxmu u li mbagħad ġie mgħoddi lilhom mill-istess Pawlu bħala dak in-nar qawwi ta' fidi soda li għadha sħiħa sal-lum.

Eżatt wara San Pawl naraw lil San Luqa, l-appostlu li b'tant għożża u dettalji kiteb kif beda u seħħ dan in-nawfraġju, bħalma naqraw fl-Atti. San Luqa għandu konnessjoni qawwija mal-Mellieħa u allura bix-xieraq li Calì poġġieh qrib San Pawl, donnu dak li Pawlu seta' jserraħ rasu fuqu. Tradizzjoni qawwija tgħidilna li wara dan in-nawfraġju San Luqa penġa xbieha tal-Madonna bil-Bambin fuq drieghha fuq il-blat għeri ta' għar ġol-Mellieħa. Naturalment, il-Maltin ta' dak iż-żmien kienu pagani u allura Pawlu kellu għalqa fertili fejn jaħdem biex jurihom min kien il-veru Alla u San Luqa kompla kkumplimentah b'dik il-figura ta' Omm

Alla. Għax jekk Luqa ma penġiex dik il-Madonna fil-Mellieħa, kif jista' wieħed jislet it-tnissil ta' devozzjoni hekk qawwija lejn Marija? Għalhekk ukoll nistgħu nażżardaw ngħidu li n-nawfraġju seta' verament seħħ fuq ix-xtajta tal-Mellieħa, wara li l-ġifen weħel fuq l-iskoll li hemm moħbi f'nofs il-bajja. Ma jagħmilx sens li Pawlu ġie nawfragat f'post ieħor u Luqa ġie l-Mellieħa biex penġa l-Madonna. Aktar tidher ħaġa flokha li bħala ringrazzjament tal-għajnuna biex ħelsu mill-għarqa, Pawlu ried jagħmilhom l-ewwel Insara ta' Malta, iktar u iktar meta sabhom daqstant disposti wara l-miraklu li kien għadu kemm seħħ quddiemhom.

Nistgħu issa ngħaddu għan-naħa tax-xellug tal-kwadru li tiġbor fiha tliet elementi. Iċ-ċenturjun, figura importanti u fejjieda fil-ħajja ta' Pawlu, il-priġunieri u dawk ta' fuq il-ġifen, u l-Maltin li laqgħuhom. B'figuri sempliċi iżda realistiċi ħafna, Calì joħroġ hawnhekk is-simboli tal-qawwa ta' Ruma taħt il-forma tal-Istandard u ċ-ċenturjun, il-priġunier marbut bil-ktajjen u nies oħra ta' kull età, kif ukoll għandna għax naħsbu xi nies oħra li kienu fuq ix-xatt. L-espressjoni ta' wiċċhom hi waħda: ħarsa ta' stagħġib għal dak li kien ġara lil Pawlu wara li gidmitu l-lifgħa. Dawk ta' fuq il-ġifen kienu jafu kemm kien għamel magħhom tul il-vjaġġ u donnhom ma ridux jemmnu u lanqas xtaqu li jaqa' u jmut. Għandek imbagħad oħrajn, dawk Maltin, li qegħdin iħarsu lejn Pawlu b'ħarsa superstizzjuża u suspettuża, din id-darba jistennewh jaqa'.

Fl-isfond tal-kwadru għandna l-ġifen imfarrak qed jegħreq. Nawfraġju ppjanat bil-għaqal minn Alla l-Imbierek li nqeda bl-elementi tar-riħ u tal-baħar biex wassal f'Malta l-fidi fi Kristu permezz ta' Pawlu. Bħaż-żerriegħa li tmut u tinqered biex tagħti l-ħajja, hekk il-ġifen ta' Pawlu. Jidhru wkoll tliet gawwijiet li donnhom huma wkoll ħarġu jaraw x'ġara u biex ikomplu jsaħħu u jikkumplimentaw il-kompożizzjoni ta' Calì; f'atmosfera ta' maltemp b'mewġ qawwi. Nistgħu neħduhom ukoll bħala t-tliet virtujiet tal-Fidi, Tama u Mħabba li żgur kienu jżejnu lill-kbir appostlu Pawlu u li kienu jakkumpanjawh tul il-ħajja Evanġelika tiegħu.

Kwadru qawwi ħafna li żgur jixraq lil tema hekk importanti għall-istorja ta' Malta. Huwa kwadru li jagħti l-ħajja, permezz tal-figuri, xenarju u kuluri wżati hekk bil-għaqal minn Calì, lil dak il-passaġġ li nsibu fl-Atti tal-Appostli, passaġġ li nistgħu ngħidu jagħmel lil Malta gżira internazzjonali, gżira li kienet minn tal-bidu nett li daqet it-tagħlim ħelu tal-Kbir Appostlu Pawlu fuq min kien il-veru Alla, ħallieq ta' kollox u ta' kull maħluq.


**Sponsors**

John Farrugia
Raphel Xerri 99495047
J.Caruana Genix Fun Son 99454401
Silvio Callus
Joe Busutill c/o Gasan Ins. 99473944
Josef Mifsud
Il-Bello
France Monreal
Tas-Singla Mix Ltd. 99443454/99490484
Norbert Cachia
Paul Busutill Fukli
Paul Zammit c/o Insurance
Anġlu Dalli
Mario Xanbekk 99824037
Dott Anthony Gauci 99496111
Ivan Zig Zog Tailor 79538450
Paul Busutill (Kina)
Polidano Mix 21244241/24244200
Noel Express Aluminium 79805710
Joe Zammit
Emanuel Zahra




**Din is-sena l-Banda San Pawl ta' Ħal Safi ħarġet sett marċi ġodda li jinsabu għall-bejgħ fuq CD.**

Min irid jixtri kopja jista' jagħmel dan mill-bottegin tal-Każin San Pawl jew inkella javvicina membri tal-Kummissjoni Banda.